MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 274/2010

**George Montanaro u martu Marcelle Montanaro**

**vs**

**Chairman, Korporazzjoni Enemalta u Enemalta plc (C 65836) li b'nota tal-10 ta' Settembru 2014 assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta u Liquigas Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar it-30 ta' Lulju 2010 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom ghad-danni li huma sofrew fil-fond 40, Triq il-Vittma tal-Gwerra, Birkirkara wara spluzzjoni li sehhet fl-1 ta' Lulju 2010 fir-residenza taghhom kawzata minn pressa zejda li kien hemm fic-cilindru tal-gass, liema danni l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli, liema danni ma jeccedux l-erbat elef Ewro (€4,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-6 ta' Lulju 2010 kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni u bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 2010.

Rat ir-risposta ta' Liquigas Malta Limited kif prezentata fl-atti nhar l-4 ta' Ottubru 2010 fejn eccepiet:

1. *"Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra illi l-kumpanija eccipjenti giet citata b'mod zbaljat li bhala korp li ghandu personalita' guridika distinta ai termini ta' l-Artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta kien imissha giet citata sempliciment f'isimha u kwalunkwe kaz ic-chairman wahdu m'ghandux ir-rappresentanza tal-kumpanija eccipjenti skond il-memorandum ta' assoccjazioni.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit mhuwiex minnu li l-incident in kwistjoni sehh minhabba pressa zejda fic-cilindru tal-gass.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici fil-konfront tal-kumpanija esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kumpanija ecipjenti ma hijiex respopnsabbli ghall-incident in kwistjoni.*
4. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta tal-**Korporazzjoni Enemalta** li gietipprezentata nhar it-13 ta' Settembru 2010 fejn eccepiet:

*"Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-akkadut mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqasijiet tal-korporazzjoni Enemalta. Illi ghaldaqstant it-talbiet atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta ghandhom jigu michuda.*
*Salv eccezzjoniiet ulterjuri. Bl-ispejjez."*

Rat in-nota tal-attur **George Montanaro** ipprezentata nhar il-15 ta' Novembru 2010 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu anness u mmarkat bhala Dok A, u l-affidavit tal-mara tieghu anness u mmarkat bhala Dok B.

L-attur George Montanaro spjega fl-affidavit tieghu illi jiftakar li jum partikolari li kien l-Erbgha filghaxija waqt li kien fil-garaxx tieghu cemplitlu l-mara u qaltlu li kien spiccalha il-gass u li ma riedx jixghel. Huwa ghalhekk mar id-dar, qabbad ir-regolatur mac-cilindru l-gdid, ikklipjah u kif fetah l-gas tar-regolatur beda hiereg il-gass 'il barra. Rega' ghalqu ghax induna li kien gralu xi hsara. Izda kellu wiehed gdid li kien fuq ir-raff fil-garaxx, mar u gabru u wahhlu mal-pajp u kklippjah, fetah il-gas u r-regolatur izda ma bediex hiereg l-gass.

Meta pprova jixghel il-hobb, dan ghamel hoss speci ta' 'poof' rega' pprova jixghelu u ra li l-fjamma kienet hamra hafna mhux bhas-soltu. Sajru ghal ghaxar minuti u tfewh. L-ghada filghodu meta mar fil-kcina l-mara qaltlu li kien hemm riha ta' gass fil-cupboard, huwa ukoll xammha izda ma inkwetax u telaq ghal garaxx ghax kien bil-leave. Ghal habta tat-8.30a.m. cemplitlu l-mara fuq il-mobile u semaghha tibki b'kemm ghandha u qaltlu li kien sploda il-hobb waqt li t-tfal kienu maghha.

Mar jigri d-dar u sab lil martu titrieghed u tibki u ra l-hobb zarmat, in-*'knobs'* ma kienux hemm. Il-hadida li taghmel il-kitla fuqu lanqas kienet hemm u sab li l-hobb kien miftuh mill-granit. Minnufih cempel lil tal-Liquigas u qalulu li kien sejjer it-techician.

It-technician wasal u qabel ma mar qallu sabiex jaqla' ir-regulator minn mac-cilindru, biex jevita l-gass minn mad-dar sabiex ma jkollux spluzjoni ohra. Meta wasal tal-liquigas telghu fuq il-bejt u f'idejh kellu regolatur sabiex jiccekja l-*pressure* tac-cilindru. Kif klippjah sab li kien 'l fuq minn 6 bar. U dan wara li kien diga' beda johrog il-gas minnu.

Dak il-hin t-technician stess qallu li mhux suppost kien mimli daqshekk. It-technician baxxielu l-pressa u x-xhud staqsieh kemm suppost ikun mimli u dan qallu li irid ikun 3 bar l-aktar sabiex ikun jista' jaqbad mieghu.

Wara talbu sabiex jiccekjalu l-pressa fuq cilindru iehor li kellu u li kien ghadu gdid u sab li kien 5 bar ukoll *over*. Fil-fatt ghamillu zewg *fault reports.* In segwitu baxxielu wkoll il-pressa ta' dan ic-cilindru. Qallu li issa seta' juzahom ghax kienu safe pero' kien qallu sabiex ma jaghtix gas lil hobb u sabiex ma juzahx ghaliex ma setax itih xi garanzija. Qallu biex jibdel kollox bir-regulator u l-hobb ukoll.

Huwa mar biex jixtri l-hobb minghand l-Aplan izda ma kellhomx u ordna wiehed. Jghid li kien tilef hafna xoghol u dahal f'hafna spejjez. Mar ghand l-Korporazzjoni Enemalta sabiex jaghmel rapport tal-incident u dawn qalulu li kellu jaghmel rapport ghand il-Liquigas.

**Marcelle Montanaro** mart l-attur xehdet u kkonfermat dak kollu li kien qal zewgha fl-affidavit tieghu izda ziedet tghid li tal-Liquigas marru ghandhom wara

li saru jafu li huma kienu ghamlu protesta il-Qorti u gabuhom fuq il-gazzetta. Tghid li r-rapprezentant tal-Liquigas kien mar ma xi inginier u dan qalilha li ma kienx hemm spluzjoni izda faqqatura. Tghid li dawn qalulha ukoll li r-regulator messu inbidel wara hames snin. Tghid li spjegawla li peress li c-cilindri ikunu fix-xemx l-pressa toghla  izda ic-cilindri jifilhu dan ghax kienu ipprovawhom gewwa Sqallija.

Rat in-nota tal-atturi prezentata nhar il-15 ta' Novembru 2010 (fol. 23) li permezz taghha pprezentaw is-segwenti:

1. Video li juri l-hsarat li saru fid-dar tal-atturi immarkat Dok A.
2. L-artikoli li dehru fil-gurnal The Times nhar is-6,7,8 u 9 ta' Lulju 2010 immarkati bhala Dok B, C, u D.
3. Artikolu li deher fil-gazzetta the Times miktub minn Alex Agius immarkat bhala Dok E .
4. Tlett ritratti tal-hsara li saret fil-hobb markati bhal Dok F, G u H.
5. Kopja tal-faulty gas cylinder/Tank report li sar fl-1 ta' Lulju 2010 mit-technician tal-Liquigas meta mar fuq il-post tal-atturi markat bhala Dok I.
6. Kopja tal-ircevuti ta' l-ispejjez li ghamlu l-atturi Montanaro:
    - 1 x gas regulator - €10.44 – annessi u mmarkati bhala Dok J.
    - Ircevuta minghand l-Aplan ta' €150 u €650 total ta' €800 – spejjez sabiex inbidel il-hobb, annessa u mmarkata Dok K.

**Paul Agius Delicata** Chief Operations Officer mas-socjeta' Liquigas Malta Ltd xehed nhar il-15 ta' Novembru 2010 u stqarr li ilu jahdem ma' din is-socjeta' sa mill-bidu taghha. Huwa kkonferma id-dokument li gie mahrug mis-socjeta' Liquigas meta kien mar rapprezentant taghha sabiex jiccekja ic-cilindri.  Spjega illi  f'dan il-kaz is-socjeta' Liquigas kient tat b'sub-contracting xi xoghol ta' servizz ta' emergenza lis-socjeta' ESI Ltd u l-persuna inkarigata f'dan il-kaz kieent Brian

Schembri. Ikkonferma li dakinhar ta’ dan ir-rapport huma kienu baghtu rapprezentant taghhom. Spjega li Dok 1 mhux certifikat izda nota li tikkonferma li l-persuna mibghuta verament marret taghmel l-ispezzjoni u in oltre jidher dak li sabet dakinhar tal-ispezzjoni u f’dan il-kaz jigifieri over filled cylinders. Qal li din il-persuna li tattendi ghall-ispezzjoni hija responsabbli sabiex tara jekk hemmx effettivament perikli u f’kaz li hemm tnehhi c-cilindri mid-dar biex tevita l-periklu pero’ f’dan il-kaz ic-cilindru baqa’ hemmhekk ghaliex periklu ma kienx hemm.

Spjega li dak li hemm miktub bhala *fault reasons* fuq dan id-Dok 1 huma hemm ghall *internal purposes* biss. Hemm sistema ta’ *call centre* u dan in-numru jinsab fuq kull cilindru, b’hekk kull klijent jista’ icempel il-call centre jaghmel rapport u dawk tal-call centre jibghatu xi rapprezentant mis-servizz tal-emergenza biex imorru u jaraw x’inhi il-problema.

Spjega li f’dan il-kaz Brian Schembri kien mar fuq il-post ghamel ghaliex dan kien kaz specifiku u pprometa li jesebih fis-seduta ta wara. Skond ma kien irrizultalu Brian Schembri ra jekk il-valve kienx qed jillikja u f’dan il-kaz ma kienx u c-cilindru minn barra ma weriex xi evidenza ta’ hsara.

**Paul Agius** rega’ xehed fit-3 ta’ Frar 2011 fejn esebixxa rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok Z liema rapport gie redatt minn Brian Schembri.

**Brian Schembri** xehed fit-3 ta’ Frar 2011 u spjega illi huwa jahdem mal-*Liquigas* u xoghlu huwa fid-dipartiment tal-Emergenzi. Jghid li huma jkunu *stand by* u jircievu messaggi mill-*call centre* tal-*Liquigas* fejn ikollhom jmorru minhabba xi xoghol urgenti.

Jaf illi fid- 9.30a.m., però l-jum ezatt insieh, ircieva messagg li kellhom jmorru fi proprjetà tas-Sur Montanaro gewwa Birkirkara u dan ghaliex kellu miktub li kienet saret xi spluzjoni fuq xi cooker. Ghal habta tad-disgha w nofs u l-ghaxra kien digà fuq il-post u hemmhekk sab lill-attur. Jghid illi effettivament is-Sur Montanaro deher ecitat fil-fehma tieghu u dan  beda jispjegalu s-sitwazzjoni u telghu  fuq fil-kcina fejn kien hemm il-cooker, naqra zghira maqlugh bin-nofs tieghu fuq il-bank tal-kcina.

Qallu li kien se jitla' jara c-cilindri. Xoghlu huwa biss biex jezamina c-cilindri. Tela'  fuq il-bejt u ra li kien hemm zewg cilindri hdejn xulxin, wiehed ahdar u l-iehor isfar, u beda jaghmel test fuqhom billi ghamel il-pressure gauge u sab li wiehed minn dawn ic-cilindri kienu pressure safe u illi fil-fehma tieghi l-pressure six (6) kienet normali. U c-cilindru l-iehor kellu pressure five (5) li ukoll hu normali.

Jikkonferma li huwa  mghallem il-basic u ghalhekk nizzel il-pressure tieghu ghal two point five, three (2.5 – 3). Mela il-karti li kellu jaghmel u ghaddihom lis-Sur Montanaro u halla c-cilindri hemmhekk ghaliex fil-fehma tieghu kienu tajbin biex jintuzaw.

Meta gie muri zewg dokumenti esebiti f'dawn l-atti markati bhala dokument "X" u stqarr li dawk  gew miktuba minnu dakinhar li mar fuq il-post u li kien ta lis-Sur Montanaro. Mistoqsi jghid ghaliex kiteb "overfilled cylinder" iwiegeb illi dakinhar huwa ma kkalkulax it-temp kif kien barra. Bil-kelma "*overfilled*" huwa jifhem illi c-cilindru jkun mimli zzejjed cioé iktar milli suppost ikun mimli. Però f'dan il-kaz ghalkemm kiteb hekk, fil-fatt ma kienx hekk. Li gih go mohhi dak il-hin kien li forsi kellu ftit iktar pressa milli suppost u kien ghalhekk illi huwa baxxa l-pressa. U l-iktar haga li kien hemm vicin ghall-"*overpressure*" fuq il-karta

li kellu jimla hija "*overfilled*" u ghalhekk immarka l-"*overfilled*." M'hemmx kaxxa bil-kliem "*overpressure*."

Nixtieq nghid illi dwar il-faults li hemm indikati fuq il-karti li jkollhom m'hemmx it-tipi ta' faults kollha u l-aktar vicin li sab kienet "overfilled cylinder." Jghid illi fil-fehma tieghu kien overpressure imma mhux overpressure li jkun hemm il-periklu. Jista' ikun li kien ftit iktar pressure peress li kien hemm ix-xemx diretta fuqu. Fil-fatt kont ghidtlu biex imur ghand l-*Enemalta* u jara jekk huma jaqblux mar-rapport li ghamel u cioé li c-cilindru kien overfilled. Anzi jghid li qallu li forsi c-cilindru kellu ftit iktar pressure milli suppost kellu pero' qatt ma qallu li kien perikoluz li jista' jisplodi.

Meta ra il-hob tal-gass ra li kien daqsxejn maqlugh minn mal-bank tal-kcina bin-nofs tieghu ighati ghal fuq il-bank. Flimkien mas-Sur Montanaro kien hemm martu u ibnu. Il-hob kien komunikat mac-cilindru l-ahdar u cioé li kellu pressure six (6).

In Kontro-ezami jghid li kien ilu jahdem xi xahrejn meta mar jaghmel din l-ispezzjoni. Jghid li huwa mhux il-persuna teknika però xoghlu hu sabiex ma ihallix periklu ghand in-nies. Kieku fil-fehma tieghu kien hemm periklu kien jiehu c-cilindru mieghu u jpoggi iehor floku. Pero' fil-fehma tieghu ma kienx hemm periklu u kien ghalhekk li hallihom hemm. Fix-xitwa l-pressjoni tac-cilindru tkun aktar baxxa milli fis-sajf. Huwa ma izinx dan ic-cilindru però meta cilindru jkun overfilled tkun taf li effettivament huwa overfilled billi tiznu.

Huwa kkonferma li jahdem mal-*ESI* sub-contracted mal-*Liquigas*.

Rat in-nota tal-atturiipprezentata minn Dr. Anna Mallia nhar it-3 ta' Frar 2011 li permezz taghha esebixxew l-ircevuti rilaxxati minn Liquigas Malta Ltd li

ccertifikaw li c-cilindri kienu ‘*overfilled’* immarkati bhala Dok X u Dok Y, kif ukoll l-ircevuta minn The Times of Malta ghar-rittratti tal-incident immarkata bhala Dok Z.

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta r-rapport ta’ kif kien it-temp fil-gurnata tal-incident u cioe’ fit-30 ta’ Gunju 2010.

**Lino Apap** impjegat mas-socjeta’ Aplan Limited xehed nhar is-6 ta’ April 2011 u kkonferma d-dokument immarkat bhala Dok A a fol. 60 numru ta’ ricevuta 09732 u stqarr li dan id-dokument hareg mis-socjeta’ li huwa jirrapprezenta. Qal li din ir-ricevuta harget ghas-somma ta’ mija w hamsin Ewro (€150) rapprezentanti xiri ta’ hobb tal-ghamla Siemens TR 626BB 90E ghalkemm il-valur totali tal-hobb kien tmien mitt Ewro (€800) u kkonferma li apparti l-ircevuta imsemmija ta’ hamsin Ewro (€50) hemm ricevuta ohra ghal mija w hamsin Ewro (€150) u ohra ghal sitt mija w hamsin Ewro (€650) li flimkien jammontaw ghal tmien mitt Ewro (€800). Fil-fatt huwa esebixxa dawn iz-zewg ricevuti l-ohra u gew immarkati bhala Dok B u Dok C rispettivament.

**Paul Agius Delicata** kompla jixhed fil-25 ta’ Mejju 2011 u stqarr li huwa jahdem fil-Liquigas Malta Limited u jokkupa l-kariga ta’ Chief Operations Officer. Fil-fatt ilu jahdem f’dan il-kamp tal-gas ghal dawn l-ahhar 26 sena. Jghid li huwa l-persuna responsabbli ghall-operations. Kien gie avzat illi kien hemm incident fid-dar, residenza tas-Sur George Montanaro u naturalment abbazi ta’ dan ir-rapport kien ghamel l-indagni tieghu biex jara ezattament x’kien gara.

Jispjega illi bhala procedura una volta jkun hemm telefonata li jkun dahal xi rapport li jkun hemm xi kwistjoni dwar il-gas, isir rapport lilu mill-impjegat li jkun ircieva it-telefonata jew ghamel ir-rapport. Fil-fatt f’dan il-kaz ir-rapport sar minn Brian Schembri u kien baghat lil John Zarb u lil Mario Magri li huwa l-

enginier tal-Enemalta sabiex jinvestiga dwar dan ir-rapport. John Zarb huwa l-executive officer taghhom. Ir-rapport li ghamel  Mario Magri l-enginier jghid illi c-cilindri kienu mimlija bil-gass u nstabu bil-pressjoni ta' five jew six bar u fic-cirkostanzi ta' dak il-perjodu ta' zmien huwa normali. Mario Magri ha wkoll ir-regulatur tac-cilindru li kellu Mr. Montanaro ghaliex Mrs. Montanaro kienet qalet illi meta kienet qabbditu kien johrog il-gass minnu u jirrizulta mir-rapport illi dan ir-regulatur kien jillijkja l-gass minnu nnifsu. Skont ir-rapport li sarlu c-cilindri kienu mizmuma fuq il-bejt tas-Sur Montanaro.

Jispjega illi l-LPG huwa meqjusa bħala liquifiable gas u ghalhekk meta  jintuza ghandu bzonn pressjoni stabbli. Il-pressjoni tvarja biss mhux ghax ikun jintuza c-cilinidru jew ghax ikun qed jimtela, izda taffettwa t-temperatura li jkollu fuqu c-cilindru. Dawn  huma l-physical properties ta' l-LPG, huma physical properties li ma jinbidlux. Fuqhom hemm correlation bejn it-temperatura ambjentali mal-pressjoni li jkollu l-istess cilindru.

Huwa esebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala dokument "Z". Huwa ghamel referenza ghar-rapport esebit f'dawn l-atti mahrug mill-Meteorological Office, appuntu a fol 66 tal-atti fejn gie indikat illi fit- 30 ta' Gunju, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (9.00 a.m.) it-temperatura kienet ta' twenty nine degrees celsius (29°c) u l-pressjoni hija five point two eight (5.28). Spjega illi l-pressjoni tac-cilindru jista' jista' jieħu sa thirty bar (30b); jieħu aktar minn hekk imma huma jittestjawh sa hekk.

Mistoqsi xi jsehh meta jitbaxxa l-pressjoni tac-cilindru tal-LPG, jghid li fi zmien inqas ta' kwarta  l-pressjoni terga' jitla' ghal dak li kien qabel, u dan wahdu. Dan ghaliex huma physical properties ta' liquigas u dan ghaliex il-pressjoni tac-cilindru jiddependi mhux jekk ic-cilindru jkunx mimli jew vojt imma minhabba t-

temperatura ambjentali ta' madwaru. Meta c-cilindru jkun imtela sa fuq nett li jigri huwa li jista' johrog il-likwidu minn go fih u mhux arja jew gass.

Huwa ipprezenta kopja tar-rapport tal-inginier Mario Magri li gie mmarkat bhala dokument "PA" u qed jalludi wkoll ghall-istatement li ghamel Mr Montanaro stess. Il-pipes u r-regolaturi ghal mac-cilindru ma jigux provduti minnhom iżda mill-klijent stess. Ir-regolatur kien irrikmandat li ma jintuzax ghal iktar minn hames (5) snin però llum il-gurnata din giet relaxed mill-awtoritajiet u jista' jintuza sa ghaxar (10) snin. Ir-regolatur xoghlu hu l-pressjoni li ssir gewwa c-cilindru jbaxxiha mill-pressjoni li tinsab goc-cilindru ghal thirty (30) millibar, cioè dak hu l-pressjoni li johrog mir-regulatur. Minn xhin jidhol ir-regulatur huwa ddisinnjat mill-istandard li jkun jiflah sa twenty bar (20b) minghajr ma jigrilu ebda effett. Il-Liquigas m'ghandhiex il-facilità li timla c-cilindri hi izda huwa l-Enemalta li jaghmel il-mili tac-cilindri. Il-Liquigas hija biss responsabbli ghat-tpoggija tal-prodott fuq is-suq. Jghid li hu ma jafx x'sar minnu dan ic-cilindru partikolari.

In kontro-ezami qal li  huma jbieghu c-cilindri tal-gass u ma jaghtu l-ebda struzzjonijiet ta' kif ghandhom jinzammu dawn ic-cilindri.  L-istruzzjonijiet huma regolati mill-Malta Resource Authority, u mhux minnhom, fejn huma bazici. Per ezempju, ma jistghux jitpoggew fejn hemm riskju ta' nar.

Huwa qatt ma ra dan ir-regolatur però skont ma qal is-Sur Montanaro ilu ma jigi mibdul ghal dawn l-ahhar tnax-il (12) sena. Mario Magri huwa impjegat tal-Enemalta però indirettament jahdem ghalihom. F'dan il-kaz jghid li ma kienx hemm leakage mic-cilindru. F'dan il-kaz kien hemm leakage mir-regulatur. Fil-fatt ic-cilindru f'dan il-każ intuza kemm qabel kif ukoll wara. U meta mar tal-emergency service taghhom ic-cilindru baqa' hemm u baqa' jintuza.

Mistoqsi jekk hux minnu li dahlet il-Malta Resource Authority f'dan il-kaz, jghid li dwar dan ma jaf xejn. Itenni li Mr Montanaro kellu vista kemm minn John Zarb kif ukoll minn Michael Mallia li huwa wieħed mid-direttur tal-Liquigas, sussegwentement anke minn Mario Magri li huwa l-enginier u huma rrapportaw illi qalulu x'kienet il-pozizzjoni. U b'hekk ried ifisser li c-certifikat li hareg mit-technician taghhom ma kienx korrett ghax kienu qalulu x'kienet il-pozizzjoni ezatta.

Jghid li sakemm hu infurmat dawn in-nies li ghamlulu l-vista spjegaw lis-sur Montanaro x'kienet il-kawza ta' dan l-incident. Nixtieq nghid li t-technician tal-emergency service kienu rrapportaw li kien hemm six bar (6b). Dan ifisser li ma kienx hemm overfilling. In-nies tal-emergenza huma ttrenjati biex jekk ikun hemm xi cilindru u jkun hemm forma ta' periklu huma jnehhu c-cilindru mis-suq u jaghmlu replacement tieghu.

Brian Schembri li mar u effettivament irrilaxxja d-dokument "X", "Y", "Z" kien mibghut minnhom. Huwa wieħed mit-technicians li jintbaghtu fl-emergenza. Jghid illi n-nies li jmorru u jaghmlu l-inspections fl-emergenza ma jaghmlux rapporti; johorgu biss din ir-ricevuta. L-irċevuta tiswa biss bhala evidenza li l-individwu jkun mar fuq il-post.

Spjega li meta mar Scembri fuq il-post ma kienx hemm kaxxa idejali fuq l-ircevuta li ta lil Monatanaro biex jimmarka dak li kien iddokumenta u ghalhekk dan Brian Schembri mmarka dak li huwa haseb li kien l-aktar vicin. Tenna li Brian Schembri dakinhar ma sabx kaxxa fuq din l-ircevuta li nohorgu aħna li tirrispekkja dak li effettivament kien sab.

Il-fatt li Brian Schembri halla c-cilindru hemmhekk tfisser illi hu fehem li ma kienx hemm diffikultà. Brian Schembri huwa impjegat mal-kumpanija li hija

subcontracted maghhom u huma kuntenti bis-servizzi tal-kumpanija wara dan il-kaz.

**George Montanaro** xehed fis-7 ta’ Lulju, 2011 fejn iddikjara li l-ewwel regolatur kien imwahhal fuq cilindru iehor. Il-gass kien spicca u ghalhekk il-mara tieghu qalghatu u wahhlet ir-regolatur fuq ic-cilindru l-gdid. Pero’ hija qaltlu li ma kienx qed jiffunzjona fuq ic-cilindru l-gdid. L-attur mar jikklipjah u appena fetah il-gass beda hiereg il-gass. Huwa nehha mill-ewwel ir-regolatur mac-cilindru. Mistoqsi kemm kien ilu ghandu dan ir-regolatur wiegeb illi ma jafx meta kienu nbidlu r-regolaturi tac-cilindri. Meta huwa wehhel it-tieni regolatur ma kienx hareg gass. Huwa jiftakar li meta xeghluh filghaxija xeghlet fjamma hamra. Huma sajru u kielu. L-attur ma xammx qawwa ta’ gass u mar ghax-xoghol. Huwa halla l-mara d-dar bit-tfal issajjar u kien hemm it-twieqi miftuhin.

Huwa spjega li r-ritratti ma hadhomx hu izda haduhom tal-gazzetti dakinhar stess tal-incident. Il-hobb inkiser billi nfetah is-sigill tal-fabbrika. Dan il-hobb huwa tac-ceramika u jkun issigillat fin-nofs pero’ bl-ispluzjoni li saret dan infetah u l-parti ta’ fuq telghet ‘il fuq u l-parti ta’ isfel baqghet imwahhla. Ic-cilindru in kwistjoni kien fuq il-bejt u ma kienx mghotti.

L-attur kien prezenti meta mar l-Inginier Mario Magri fuq il-post. L-inginier filfatt mar ftit granet wara u mar ma’ persuna ohra. Huwa tela’ maghhom fuq il-bejt. Meta huwa pogga r-regolatur difettuz baqa’ johrog il-gass. Anzi ddikjara li qatt ma ppruvah dan ir-regolatur difettuz. Kien l-attur stess illi qallu li hareg il-gass minnu. Huwa cahad li ha r-regolatur mieghu u filfatt ghadhom ghandu sa llum. L-attur jiftakar illi dakinhar is-Sur Magri wahhal fir-regolatur. Qallu wkoll illi c-cilindri jkollhom pressjoni aktar minn dak li effettivament sab li kellu. Dan ma kienx fix-xemx. L-inginier qallu li l-pipe six bars (6b) kien normali. Ir-

rapprezentant tal-Enemalta lilu qallu li ma kellhomx x'jaqsmu mal-pajpijiet u affarijiet bhal dawn u r-regolaturi.

Huwa kkonferma li meta mar l-inginier tal-Enemalta kien qallu li dak li kiteb it-technician ma kienx korrett. L-attur kien irrisponsieh li kien se jimxi fuq il-karta li kitiblu t-technician. Ic-cilindru baqa' ghandu pero' jaf illi nizzlulu l-pressjoni minnu biex ikun jista' juzah. Filfatt kien it-technician stess li baxxieh u baqa' juzah.

**Mario Magri** xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u spjega li dak iz-zmien tal-incident in kwestjoni f'Gunju 2010 kien jokkupa il-kariga ta' officer in charge, Gass Division mal-Korporazzjoni Enemalta. Bhala professjoni huwa Ingineer. Spjega li wara li kien ha konjizzjoni tal-gazzetti u cioe' li kien sehh incident gewwa Birkirkara, kienu ircevew xi telefonati minghand l-attur kif ukoll minghand is-socjeta' Liquigas Malta Ltd fejn gew mitluba sabiex jinvestigaw minn naha taghhom x'setgha gara u x'setgha kien il-kagun ta' dan l-incident.

Ghalhekk in segwitu mar fuq il-post fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra, u mieghu kien hemm ukoll prezenti it-technician tas-socjeta' Liquigas, dan sabiex jaraw dak li effettivament kien sehh. Bhala fatt kienu raw hob tal-kcina imkisser mgholli minn postu. Wara telghu fuq il-bejt u raw li kien hemm zewg cilindri tal-gas u kien hemm ukoll zewg regolaturi. Wiehed filfatt kienu gew mgharrfa li kien difettuz u l-iehor kien ghadu mqabbad mac-cilindru. Spjega illi r-regolatur l-iehor li kien difettus meta tqabdu kien jillikja. Skond ma' kien qalilhom l-attur is-sur Montanaro daki nhar a tempo vergine kien spiccalu ic-cilindru u kienu marru biex ibiddlu ic-cilindru u x'hin qabdu ir-regolatur dan beda' jillikja minn fuq.

In segwitu huma biddlu r-regolatur u qabdu l-iehor li ma kienx difettuz u marru biex isajru izda x'hin xeghlu il-cooker induna li kien qed jaghmel xi fjamma li ma kinitx normali, lahqu sajru u tfew kollox u filghodu x'hin marru biex jergghu juzaw il-cooker kien hemm burn out fil-hob. Qal li dawn ir-regolaturi pero' gew ezaminati minnhom ghalkemm gew mizmuma mil-istess attur. Hija l-Enemalta li hija responsabbli ghal mili ta' dawn ic-cilindri. L-ispezzjoni tieghu kienet saret biex jara li c-cilindri kienu mimlija kif suppost u meta s-sur Montanaro kien qallhom li meta huwa qabbad ir-regolatur hareg biss gas u mhux likwidu huwa fehem li l-livel tal-gas fic-cilindru kien tajjeb.

Spjega li c-cilindri effettivament jimtlew bil-piz u mhux bil-pressjoni, ghalhekk meta it-technician tal-Liquigas beda jghidilhom li dawn kienu *six bar*, dak ghalih huwa pressjoni normali tac-cilindru li jkun fix-xemx fis-sajf u zgur li ma kienx is-*six bar* li kien il-kawza tal-incident li sehh. Ikkonferma li c-cilindri jimtlew b'mod awtomatiku skont il-piz stabbilit tal-korporazzjoni u wara li jintela dan jigi ccekkjat b'mod awtomatiku u jekk ikun hemm xi differenza *overweight* jew *underweight* ic-cilindru in-kwistjoni jigi skartat. Ghalhekk huwa ferm difficli biex ic-cilindru ma johrogx skond ir-regola. Nixtieq nghid li effettivament ic-cilindru in kwestjoni baqa' jintuza u dan ghaliex ma kellux difett. Mistoqsi jekk jinvolviex ruhu f'xi haga ohra apparti f'din il-kwestjoni wiegeb li le. Muri l-email esebita fl-atti markata bhala dokument PA a fol. 83 ikkonferma l-kontenut taghha, u li kien hu li baghtha lil Nirvana Azzopardi tal-Enemalta. Mistoqsi jekk ir-regolaturi li urih l-attur effettivament kienux mill-antiki jghid li iva hekk kienu. Effettivament kellhom xi tnax il-sena bejn wiehed u iehor u jghid li r-regolaturi suppost jinbidlu kull ghaxar snin.

**L-Inginier Victor Bonello** xehed fis-26 ta' Settembru 2012 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din l-istess Qorti sabiex jirrelata fil-mertu tal-kawza in kwistjoni. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu li gietipprezentata fit-28 ta'

Mejju 2012 u li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument VB. L-Inginier ikkonferma li thallas ta' dan ir-rapport. Huwa ghadda kopja ta' dan ir-rapport lill-partijiet koncernanti.

L-**Inginier Victor Bonello** xehed fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn ikkonferma li 5 bar u 6 bar pressjoni tal-gass fic-cilindru huwa normali b'temparatura ta' 29 degrees celcius u jaqbel ukoll li l-pressjoni hija relatata direttament mat-temperatura ta' barra. Huwa kkonferma wkoll li hemm differenza bejn piz zejjed fic-cilindru u pressjoni zejda fic-cilindru. Il-fatt li cilindru jkun aktar mimli ma jfissirx li ser ikollu pressjoni aktar gholja mis-soltu, u naturalment jekk ikun aktar mimli jfisser li c-cilindru ser ikollu piz aktar. Six bar hija pressjoni normali b'temperatura ta' 29 grad celcuis.

Ix-xhud ghamel referenza ghar-rapport tieghu, li meta qal li Brian Schembri kien mar fuq il-post, huwa fil-fatt kien naqqas l-ammont ta' gass fic-cilindru. Il-pressjoni tonqos ghal ftit sekondi jew minuta, pero' imbaghad terga' tistabilixxi ruhha skont it-temperatura. Huwa spjega li t-tekniku qal li dak il-hin nizlet il-pressjoni ghal two jew three bar, pero' kieku ccekja wara tliet minuti jew erbgha kien jerga jsib li l-pressa terga' titla ghal five jew six bar. L-uniku mod kif persuna tkun taf, li c-cilindru jkun mimli zzejjed, hi li meta izzomm ic-cilindru wieqaf minghajr ir-regolatur, taghfaslu l-valve u hemmhekk johrog likwidu, u jekk ma jkunx mimli zzejjed u taghfaslu l-valve ta' fuq johrog gass. F'dan il-kaz irrizultalu li l-ewwel mar it-tekniku Brian Schembri, u l-ewwel haga li ghamel, ghax dawk kienu l-istruzzjonijiet li tawh, kien li naqqas il-gass jew il-kontenut, ghax ma jafux x'kien fih ic-cilindru, u jekk hareg gass jew likwidu ma jafux ghax fix-xhieda m'hemmx.

L-inginier kompla jispjega ahjar kif tkun taf jekk ikunx hiereg gass jew likwidu mic-cilindru. Dan ghax tinduna mir-riha tal-gass peress li l-gass ma jidhirx. Kif

LPG li huwa forma ta’ likwidu fil-gass, tesponih ghal kundizzjonijiet ambjenatali, LPG ma tarahx likwidu, ghax jinbidel f’gass mill-ewwel u l-volum tieghu jikber ghal mitejn u hamsin darba instantanjament u ghalhekk ma tistax tarah il-likwidu kif effettivament tara l-ilma.

Ix-xhud stqarr li jekk tassumi c-cilindru kien mimli sa fuq bil-likwidu u taghfas il-valve ta’ fuq, ser tohrog dahna bajda ghax ikun hareg hafna likwidu f’salt. Dan ifisser li likwidu jkun qed jespandi. Pero’ jekk taghfas ftit il-gass, se johrog dak in-naqra likwidu, u ser jespandi xorta bil-mitejn u hamsin darba, u jinxtamm u jidher l-effett ta’ gass normali. L-inginier qal illi r-regolatur ghandu s-safety features fih li ma jhallux il-gass johrog meta jinghafas dan ir-regolatur.

Huwa sostna li meta n-nies teknici jaghmlu t-testijiet biex jaraw jekk huwiex mimli u johrogx likwidu jew le, huma ma jafsuhx bir-regolatur izda jafsuh b’xi ghodda ohra b’tali mod li jhallu l-gass jew likwidu johrog liberament. Jekk ir-regolatur ikun difettuz ma jfissirx li johrog il-gass, anzi ma jistax johrog likwidu. Jekk x’hin jitwahhal ir-regolatur il-likwidu jkun ezatt mal-valve, dan il-likwidu jghaddi mir-regolatur. Hawnhekk il-likwidu ma jidhirx.

Mistoqsi kif jista’ jistabbilixxi li jkun mimli zzejjed wiegeb li probabbli r-regolatur li huwa maghmul biex jihendilja gass, jigrilu hsara bil-likwidu, ghax ma jiflahx gass mal-likwidu. Specjalment fil-kaz bhal dan meta r-regolatur kellu tnax il-sena. L-Inginier ikkonferma li kien ikkonkluda li r-regolaturi thassru ghax kienu mimlija zzejjed.  Huwa sostna li la t-tekniku ma ghamilx it-testijiet kif suppost mill-ewwel, provi mija fil-mija ma jistax ikun hemm, pero’ c-cirkostanzi kienu tali li wasslu ghalhekk. Huwa stqarr illi qaghad fuq ix-xhieda mismugha tal-attur u tal-inginier Magri, li kkonfermaw li r-regolaturi kienu difettusi.

L-Inginier iddikjara li biex tkun cert mija fil-mija li jkun mimli zzejjed huwa bzonnjuz li tizen ic-cilindru. Fil-fatt huwa irrakommanda li meta l-gass likwidu jinghata lit-tekniku fuq il-post biex jiccekkja jekk ic-cilindru huwiex mimli zzejjed jew le, ghandu jgorr mieghu ghodda biex jizen ic-cilindru. Ix-xhud ma jirrizultalux li fil-fatt dan intizen. Il-funzjoni tar-regulatur huwa li l-pressjoni ta’ five jew six bar kif kien f’dan il-kaz, jitnizzel ghal .03 ta’ bar u dan irrespettivament kemm tkun il-pressjoni tac-cilindru. L-importanti hu li huwa jasal ghal 0.3 of a bar.

Huwa sostna li skont ix-xhieda mismugha irizulta li l-ewwel regolatur imbidel ghax beda jillikja u ma bediex johrog gass. Meta intuza’ t-tieni regolatur kien hemm fjamma differenti fil-hob u jidhirlu wkoll li dan ghal bidu beda jillikja. L-ewwel regolatur falla u hareg il-likwidu jigifieri kien mimli zzejjed u kien hemm gass zejjed. Fil-pipe gas ikun hemm. Jekk johrog gass zejjed mir-regolatur, ifisser li jkun hemm gass bil-pressjoni gholja pero’ jfisser li jkun hemm aktar minn 0.03 of a bar u ghalhekk jista’ jkun il-kagun, kif fil-fatt kien f’dan il-kaz, li l-fjamma tkun diferenti. Huwa spjega fir-relazzjoni tieghu li ghalhekk il-fjamma in kwestjoni kienet hamranija ghax kien hemm il-gass b’aktar pressjoni u l-fjamma kienet tahraq aktar gass milli arja.

Mistoqsi jispjega kif wasal ghal konluzjoni li r-regulaturi thassru minhabba kwestjoni ta’ *over filling* u mhux ghar-ragunijiet ohra, per ezempju ghax xjahu, wiegeb li kellu cilindru u regolatur li kienu qed jahdmu b’mod normali, u mara li kienet qed issajjar. Ic-cilindru spicca, din il-mara marret nehhiet ic-cilindru l-antik u wahhlet wiehed gdid. Kif kienet qed twahhlu, l-ewwel regolatur sar difettuz f’idejha dak il-hin stess. Dan kien l-istess regolatur li sa’ zewg minuti qabel kien jintuza, u sar difettuz. Ic-cilindru jinbidel imma ir-regolatur jibqa’ l-istess. Sussegwentament il-mara cemplet lil zewgha u qaltlu li marilha r-regolatur u ma setghatx tkompli, u zewgha gab regolatur iehor. Ghall-ewwel ir-

ragel qal li kien gdid, pero' wara irrizulta li ma kienx, ghax kien gabu minn fuq ir-raft, u appena wahhal dan it-tieni regolatur mac-cilindru ra li jillikja xi ftit, pero' ma jidhirx li ra xi haga ohra straordinarja. Huwa qalilha biex tkompli ssajjar, xeghlu l-hob, raw li l-fjamma kienet hamranija mhux bhas-soltu u naturalment baqghu isajru u kielu.

Ix-xhud ikkonferma li John Zarb meta fehem x'kien gara, ta struzzjonijiet lit-tekniku sabiex imur fuq il-post u jbattal ic-cilindru. Kif it-tekniku battal ic-cilindru, xorta kien ghadu bit-tempertura ta' 29 grad celcius, kif kejjilha sab li kienet three jew two bar pero' mbaghad bdiet tistabbilixxi ruhha ghal five jew six bar. Il-fatt li kien hemm cilindru five u l-iehor six, facli tasal ghal konkluzzjoni li wiehed kien mimli aktar mill-iehor fis-sens ta' pressjoni. Il-pressjoni ma kinitx three bar. Jekk fil-formula jkun hemm miktub li jkun five jew six bar, dan ifisser li kien hemm hekk, u x-xhud mhux ser imeri dak li hemm miktub. Kif fehem mix-xhieda tat-tekniku u cioe' li c-cilindri qed ikunu mimlija zzejjed, din qed tigri ta' spiss u mhux li l-pressjoni tkun five jew six bar. Huwa fehem hekk ghax fil-formula ghamlu kaxxa *over filled*, li hu sinjal li kienet complaint li qed issir fil-kommun.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi perikolu wara li sehh dan l-incident, wiegeb li ma jemminx li kien hemm xi periklu. Dan huwa qalu ghax l-*over filling* ikun meta l-likwidu imiss mal-valve ta' fuq. Mela t-tekniku kien diga' mar ibattal, it-tisjira kienet diga saret u ghalhekk certu livell ta' gass kien diga' nizel. Mill-ghadd ta' cilindru li ma kienx qed jintuza' ma kienx hemm urgenza, fil-fatt ic-cilindru baqa' hemm u ntuza sakemm spicca. Mistoqsi jekk jafx kif effettivament jintlew ic-cilindri, qal li iva jaf ghax hemm magna u waqt li jkun hemm ic-cilindru qed jintela, ikun qed jintizen u meta jilhaq il-livell kif suppost, ovjament jieqaf u jigi c-cilindru ta' wara. Huwa sostna li suppost meta cilindru jkun mimli aktar milli suppost jigi mwarrab.

Rat il-verbal tal-10 ta' Dicembru 2012, fejn il-Qorti hatret bhala Periti Perizjuri lill-Inginier Ryan Fava bhala Chairman, lill-Inginier Nicholas Bellizzi u lill-Inginier Fabio Stivala sabiex jassistuh.

Rat il-verbal tal-4 ta' Ottubru 2013 fejn il-Qorti ssostitwiet lil-Inginier Nicholas Bellizzi mal-Inginier Raymond Vassallo li qed jinghata l-istess fakoltajiet li kellu l-Inginier Nicholas Bellizzi.

**L-Inginier Ryan Fava flimkien mal-Inginier Raymond Vassallo u l-Inginier Fabio Stivala** xehdu fit-13 ta' Jannar 2015 fejn iddikjaraw li huma kienu gew nominati f'din il-Qorti bhala periti perizjuri sabiex jiehdu konjizzjoni tar-relazzjoni esebita f'dawn l-atti u kwalsiasi att iehor li jinsab f'dan il-process. Illum huma jinsabu f'pozizzjoni li jikkonfermaw ir-rapport taghhom. Huma kkonfermaw ukoll li ha jithallsu tal-inkarigu taghhom.

Rat ir-relazzjoni tal-periti perizjuri l-Inginier Ryan Fava, l-Inginier Fabio Stivala u l-Inginieri Raymond Vassallo li gietipprezentata fl-4 ta' Novembru 2014.

**L-Inginiera Ryan Fava, Fabio Stivala** u **Raymond Vassallo** xehdu flimkien fit-18 ta' Frar 2015 fejn in eskussjoni qalu ghaliex effettivament huma ma qablux mal-konkluzjoni tal-inginier Bonello meta huwa stqarr cioe' illi c-cilindru kien mimli aktar milli suppost u dan wassal sabiex ir-regolaturi gratilhom il-hsara ghax id-diaframma xxarbet bil-gass likwidu meta din ikollha suppost kuntatt mal-gass vapour. Spjegaw illi meta huma hadu l-inkarigu taghhom huma dehru illi kellhom bzonn illi jisimghu x-xhieda tat-teknici tal-Enemalta. L-inginiera kienu semghu x-xhieda tal-familja Montanaro u qalu illi kien hemm kontradizzjoni fuq dak li jissejjah *vapour cloud* u l-*liquid cloud*. Bil-*vapour cloud* huma jifhmu illi meta inti taghfas ic-cilindru tohrog dik is-shaba li ma tidhirx, waqt li meta inti

tqabbad ic-cilindru li jkun fi stat ta’ *liquid state* fic-cilindru cioe’ taqleb ic-cilindru biex tohrog il-likwidu tohrog dik li tissejjah *liquid cloud* u cioe’ shaba bajda.

Spjegaw li l-kontradizzjoni li nizzlu fir-rapport deher li kien hemm dizgwit li fl-ewwel indikazzjoni li kien hareg fl-ewwel rapport, is-sinjur Montanaro kien stqarr li kien ra, mentri meta huma tkellmu mieghu s-shaba kienet *liquid cloud*. Ghaldaqstant huma wkoll ghajjtu xhieda ohrajn li kienu prezenti u qraw ukoll ix-xhieda li kienu prezenti meta marru *on site* u kulhadd kien qed jaqbel li kienu raw dakinhar il-*vapour cloud*. Huma staqsew biex jaghmlu ezaminazzjoni tar-regolaturi u riedu jifthuhom ir-regolaturi. Kif huwa ndikat sewwa fir-rapport tal-inginier li kien ghamel ta’ qabilhom jigifieri li kien qed isegwi l-kaz, ir-regolaturi qatt ma gew ezaminati. Huma kif fethu r-regolaturi, kif fethu l-ewwel regolatur li kien qieghed imqabbad mac-cilindru dan ir-regolatur kien litteralment deterjorat. Kif fethu t-tieni regolatur liema regolatur kien izjed antik mill-ewwel wiehed, dan kien instab intatt. Intqal ukoll li fejn kien qieghed ir-regolatur dan kien espost barra ezattament u dan ghaliex dan segwa minhabba t-tul ta’ zmien li ghadda minn fuqu r-regolatur jidher li ghamel il-*life expectancy* tieghu. Kien proprju hemmhekk fejn huma ma qablux fuqu.

Mistoqsija jekk ghalihom ic-cilindru ma kienx mimli bizzejjed wiegbu li le ghax raw *vapour cloud* u mhux *liquid cloud.* Dan fid-dokument dejjem deher li kellu massimu ta’ *six valves*. L-inginiera qalu li r-regolatur kapaci jiflah pressjoni ta’ bejn *thirteen bar* u *sixteen bar*. Huma ddikjaraw li ma jaqblux ma dak li qal l-inginier ta’ qabilhom ghas-semplici raguni li r-regolaturi kieku qeghdin *in good working order* jkunu jifilhu jirrezistu. Ic-cilindru huwa over filled. La c-cilindru qieghed f’idejn il-pubbliku in generali l-*equipment* huwa maghmul sabiex jiflah dawn it-tolleranzi. Ezatt jekk hemmx regolament jew le ma jafux pero’ sostnew li l-pajp tal-gass u anke r-regolatur iridu jigu mibdula perjodikament.

Mistoqsija jekk meta cilindru jkun mimli zzejjed id-dijaframma tixxarrab mal-gass likwidu u mhux mal-gass vapour wiegeb li d-dijaframma tixxarrab biss jekk ic-cilindru jinqaleb. Ir-regolatur ma jiffejljax f'daqqa ghaliex ikun inqaleb ic-cilindru u dan ghaliex kieku jkollhom hafna aktar minn dawn it-tip ta' incidenti. Huma kkonfermaw li suppost il-fjamma tal-cooker tinhadem biss f'kuntatt mal-*gass vapour*. F'dan il-kaz vera kien hemm kuntatt mal-gass likwidu imma proprju ghax una volta dijaframma spiccat tkun ghaddiet il-pressjoni oghla tal-gass. Huma jirrizultalhom li t-tekniku ma kellux xi esperjenza partikolari u meta filfatt zvojta l-pressjoni c-cilindru ghamilha sabiex jittrankwillizza l-klijent ghaliex kien inkwetat. Kieku m'ghamilhiex l-effett kien ikun l-istess. Anki kieku c-cilindru kien nofsu vojt kien jigri l-istess u dan ghaliex ir-regolatur kien difettuz. Ma jidhirx li huwa kontestat li effettivament Brian Schembri gie mibghut mil-Liquigas. Huma kkonfermaw li huwa minnu li kkonkluda illi c-cilindru kien *over filled*. Pero' huma ma jaqblux mieghu. Mistoqsija jekk semghux lill-Inginier Mario Magri tal-Enemalta wiegbu li iva semghuh.

Huma sostnew li r-rapport taghhom mhux bazat biss fuq dak li jemmnu huma, izda fuq fatti ta' inginerija u kwistjonijiet teknici. Huma ezaminaw ir-regolatur meta gie moghti lilhom. Ikkonfermaw li l-klijent jista' jkun li ma jafx id-definizzjoni bejn *vapour cloud* u *liquid cloud* pero' ghal darb'ohra qalu wkoll illi mhux din kienet il-kwistjoni tal-incident. Ma jidhrilhomx li effettivament l-inginier Bonello semma l-kwistjoni ta' *vapour* u *liquid cloud*. Spjegaw li anke jekk tpoggi cilindru tal-gass fix-xemx, il-pressa toghla sa certu punt. Zgur ferm inqas pero' kemm jiflah regolatur li jkun qed jiffunzjona tajjeb. L-aktar li jitla' huwa *six bar* u huma mdorrijin b'dan ix-xoghol. L-Inginier Bonello qatt ma spezzjona dan ir-regolatur u ghalhekk il-konkluzjoni tieghu kienet wahda ta' twemmin. Huma l-konkluzjoni taghhom hija wahda fattwali ghax huma ezaminaw b'mod fattwali l-istess regolatur. Hawn Malta hawn hafna cilindri tal-gass u stqarrew li malli jinqaleb cilindru jsir hsara fir-regolatur u dan ghaliex kieku jkun iwassal ghal

spluzjoni kuljum. Din mhix xi haga idejali pero' ma twassalx ghal spluzjoni immedjatament izda pero' jekk thallieh f'dik il-kondizzjoni ghal snin shah tista' twassal ghal spluzjoni. Ic-cilindru li jkun *over filled* ma jwassalx ghal hsara fir-regolatur u dan ghax suppost dak hu xoghol ir-regolatur li jirregola l-pressa. Mistoqsija jekk effettivament il-poplu Malti jafx kemm hi *life span* ta' regolatur jew pajp qalu illi ma jafux ghax effettivament dak mhux kompitu taghhom. Spjegaw li zgur li hawn regolaturi li huma skaduti u li ghadhom qed jintuzaw u filfatt xoghlhom ta' kuljum huwa li jispezzjonaw installazzjonijiet u filfatt jghidu lill-klijenti taghhom li jkun wasal biex jinbidel meta jirrizultalhom hekk.

Rat in-nota ta' sottomissjoni ta' l-atturi kifipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Mejju 2015 (fol. 212).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Enemalta plc kif ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Gunju 2015 (fol. 223).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta' konvenuta Liquigas kif ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Gunju 2015 (fol. 232).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2015 dehru l-partijiet u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha u dan wara li irrimettew ruhhom ghall-atti processwali u ghan-noti rispettivi taghhom.

**Ikkunsidrat:**

*In breve* f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil din l-Qorti sabiex tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minnhom stante *'spluzjoni'* fic-cilindru tal-gas gewwa ir-residenza taghhom 40, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, B'Kara liema spluzzjoni sehhet nhar l-1 ta' Lulju 2010. Il-

konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom fil-mertu jeccepixxu li huma m'humiex responsabbli ghal dan l-incident.

Illi rigward ir-responsabbilita` in dizamina ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi hu principju ormai stabbilit li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htijietha;

2. Illi hu meqjus responsabbli t'eghmilu kull min ma juzax il-prudenza, ghaqal u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja; Illi kif ritenut fil-kawza '**<u>Biagio Muscat Vs Anthony Falzon'</u>** deciza fit-12 ta' Mejju 2003 Qorti tal-Appelli Sede Inferjuri:

*"Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*".

3. Illi konsegwentement jiskatta l-obbligu li wiehed allura jkun irid jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna;

4. Illi pero` hsara ikkagunata b'accident jew b'forza magguri jbaghtiha dak li jissubixxi tali hsara – sa kemm il-ligi ma tghidx mod iehor;

5. Illi kif ritenut fil-kawza '**<u>Calafato vs Grech</u>**', Qorti tal-Appell, datata t-23 ta' Novembru, 1921, (Vol. XXIV. I. 894):

*" … quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di cui reclama la rifozione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto ed una amissione che porti insita la prova della colpa che egli inputa al convenuto … poiche` la colpa e` un ipotesi guiridica e generica finche` sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica dell convenuto, consistente in un fatto o una amissione …"*;

6. Illi konsegwentement minn jallega li garrab dannu jrid jipprova kemm l-att u/jew l-ommissjoni, (ara **Bezzina vs Galea,** Qorti ta' l-Appelli Kriminali, datata t-23 ta' Novembru, 1984);

L-atturi qed jibbazaw il-pretensjonjiet taghhom fuq il-htija *aquiliana* li tippresupponi fatti li minnu titnissel *ex nunc*. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghal-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li gie lilhom kawzat. Fuq l-atturi jintefa l-oneru li jippruvaw in-nexus bejn l-agir tal-konvenuti u d-dannu minnhom soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe**, deciz mill Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-3 ta' Lulju 2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Dan premess, l-indagini li trid issir hi dik li jigi stabbilit jekk l-konvenuti citati biex jirrispondu ghad-danni ghandhomx it-tnejn, jew wiehed minnhom, jitqiesu fi htija ghal hsara subita mill-atturi. Ukoll ghandu jigi ezaminat jekk dan ta' l-ahhar bhala l-persuna danneggjata kkontribwiex ghal, jew ikkagunax il-hsara li garrab.

Certament f'kazijiet konsimili kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz; l-**Artikolu 1031 tal**-Kodici Civili jippreciza li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*"; Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` *akwiljana* jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu;

Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal *dolo* jew *kulpa*. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias* [**Artikolu 1032 (1), Kodici Civili**].

Armat b'dan il-principju in sintesi l-Qorti ghalhekk trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-atturi kienux ir-rizultat tal-operat tal-persuni li pprovdew u ikkonsenjaw ic-cilindru tal-gas fir-residenza proprjeta' tal-atturi. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mill-fatti ghalkemm l-entita' taghhom tigi diskussa fi stadju ulterjuri. Dawn il-hsarat sehhew meta effettivament is-sinjura Montanaro kienet qed tuza il-hob tal-kcina u kienet qed taghmel uzu mill-gas li kien hiereg mic-cilindru. Pero' l-atturi ma jistghux jieqfu hawn. Iridu jippruvaw illi l-hsara hi l-konsegwenza tac-cilindru tal-gass li kien jew difettuz jew *over filled* bil-gass.

Il-gurisprudenza tghallimna illi:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal*

*konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli"* ('**<u>Emanuel Ciantar vs David Curmi et deciz</u>**', mill-Prim'Awla nhar it-28 ta' Marzu 2003).

Dwar il-fatti li taw lok ghal dan l-incident jidher li hawn qbil u li m'humiex kontestati u huwa konsegwentement opportun li jigu identifikati fil-qosor.

1. Illi nhar it-30 ta' Gunju 2010 ghall-habta tat-7.45a.m l-attrici Marcelle Montanaro marret fuq il-bejt tar-residenza taghha sabiex tbiddel ic-cilindru tal-gass tal-kcina ghaliex kien spicca u ghalhekk qabdet cilindru gdid mal-istess regolatur.
2. In segwitu marret fil-kcina u xeghlet il-hob izda ma xeghlitx fjamma.
3. Jirrizulta li dan ir-regolatur kien gie manifatturat fis-sena 1998.
4. L-attur George Montanaro mar jipprova jixghel il-hobb u nnota li r-regolatur kellu xi gass hiereg minnu.
5. L-attur George Montanaro jghid li pogga dan ir-regolatur ma' cilindru tal-gas iehor li gab mill-garage.
6. Jidher pero' li mart l-attur tghid li zewgha biddel ir-regolatur ma' iehor li kellhom mac-cilindru li kien hemm mal-heater (fol. 20). Dan jidher li huwa aktar vero simili stante li dan ir-regolatur kien immanifatturat qabel u cioe' fis-sena 1997.
7. Jirrizulta li meta ghamel hekk l-attur, mir-regolatur il-gdid ma kienx hemm *leakage* ta' gass , ergo il-leakage kien gej mill-ewwel regolatur.
8. L-attur rega' xeghel il-hob u ghall-ewwel qisu ghamel hoss 'poof' . Imbaghad rega' ipprova jixghelu u xeghlet fjamma hamra u mhux blu bhas-soltu. Cio' nonostante baqghu bil-fjamma mixghula ghal ghaxar minuti.

9. L-attur fl-affidavit tieghu (fol. 18) jghid li l-ghada filghodu xammew riha ta' gas fil-cupboard izda ma tawx kasha u s-sinjura Marcelle Montanaro, l-attrici, marret sabiex tixghel il-hob u hemmhekk proprju sehhet dak li l-atturi jghidu li sehh u cioe' 'spluzjoni'.
10. Bhala konsegwenza il-hob inqala' minn postu u inqalghu in-*knobs* u l-*burners.*
11. Jirrizulta pero' li ma kienx hemm hsara fl-oggetti li kien hemm madwar il-hob kif jirrizulta minn ezami tal-video esebit fl-atti a fol. 42 u minn ezami tar-ritratti esebiti a fol. 37.
12. Hsara fic-cilindru tal-gass ma kienx hemm tant li baqa' fl-istess post u l-familja Montanaro baqghet taghmel uzu minnu.

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali u kien ghalhekk li nhar it-23 ta' Novembru 2010 (fol. 81) bi qbil bejn il-partijiet kollha din il-Qorti innominat lill-Inginier Victor Bonello sabiex jistabilixxi x'kienet ir-raguni li tat lok ghal din l-'ispluzjoni' kif imfissra mill-atturi.

Illi dan il-perit Inginier ipprezenta r-rapport tieghu fit-28 ta' Mejju 2012 (fol. 97) u kkonkluda is-segwenti:

*"Minn dak li gie spezzjonat, studjat u trattat f'dan ir-rapport, jindika li ghalkemm ma jirrizultax bil-fatti li c-cilindru kien mimli zzejjed, u mhux possibli tipprova dan wara li l-fatti wrew li c-cilindru kien gie mbattal biex jitnaqqas il-livell, kollox jindika li hija possibilta' li minhabba li c-cilindru kien mimli zzejjed, dan wassal biex hassar zewg regolaturi, wiehed wara l-iehor, anke ghax dawn kienu antiki, bil-konsegwenza li l-pressjoni tal-gas li wasal fil-hob kienet ghola minn dik mistennija u xierqa. Dan wassal biex il-fjamma tkun hamra u mhux normali, u anke ghal lijkig ta' gas fil-hob li mhux iddisinjat li jirrezisti pressjoni ta'*

*gas gholja ghal tul ta' hin, li ammont ta' gas, fortunatament zghir, akkumula fil-qieh tal-hob, li sploda meta filghodu mar biex jinxteghel."*

Illi l-konvenuti ma kienux sodisfatti b'dan ir-rapport u b'nota konguntiva pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Ottubru 2012 talbu li ssir perizja perizjuri ai termini ta' l-**Artikolu 674 (1) tal-Kap 12** tal-ligijiet ta Malta u b'digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 2012 il-Qorti laqghet it-talba taghhom u nnominat tlett periti ohra u cioe' lil Inginier Ryan Fava, l-inginier Fabio Stivala u l-Inginier Nicholas Bellizzi li aktar tard gie sostitwit bl-Inginier Raymond Vassallo.

Illi dawn it-tlett Inginiera pprezentaw ir-rapport taghhom nhar l-4 ta' Novembru 2014 (fol 164) u kkonkludew is-segwenti:

*"Ahna bhala l-Periti Teknici li gejna mqabbda mill-Qorti Magisterjali nghatu l-konkluzjoni taghna minn fuq dak illi qrajna, smajna u ispezzjonajna illi dak li gara lill-familja Montanaro kien rizultat tal-hsara li kellu l-ewwel regulatur li garrab minhabba z-zmien li kellu u minhabba li kien espost ghal ambjent. Fl-opinjoni taghna minhabba li r-regulator ma hadimx kif suppost, ghaddiet pressjoni gholja aktar milli suppost fil-hobb u dan garrab hsara li rrizultat fi tnixxieha ta' gas li akkumula fil-hobb. Dan il-gas akkumulat sploda meta gie espost ghal shana jew fjamma. Fl-opinjoni taghna l-hsara li garrab il-hobb ma hijiex konnessa bl-ebda mod mal-pressjoni li kien hemm fic-cilindri tal-gas."*

Illi ghalhekk illum il-gurnata din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg rapporti opposti - dak tal-Inginier Victor Bonello li jattribwixxi it-tort lill-konvenuti waqt li ir-rapport tal-periti perizjuri li jattribwixxu it-tort lill-atturi u dan ghaliex jghidu li r-regolatur kien difettuz u ghalhekk id-danni gew kagunati mhux ghaliex kien hemm xi problema fic-cilindru tal-gass fornit mill-konvenuti.

In vista tas-suespost din il-Qorti sejra tezamina il-provi fid-dawl taz-zewg rapporti li gew ipprezentati.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti ghalhekk ezaminat in funditus iz-zewg rapport tal-periti minkejja li mhix persuna teknika u dan sabiex tara liema miz-zewg rapporti deher l-aktar konvincenti fid-dawl tal-provi imressqa u liema rapport jaghti aktar kredibilta' fuq dak li effettivament sehh dakinhar tal-1 ta' Lulju 2010.

Illi meta il-Perit Tekniku Victor Bonello xehed in eskussjoni tar-rapport nhar l-10 ta' Dicembru 2012 ikkonferma is-segwenti (pg 119 et seq):

1. Illi 5 jew 6 bar pressjoni tal-gass fic-cilindru huwa normali b'temperatura ta' 29 grad Celsius ghalkemm jaqbel li t-temperatura hija relatata direttament mat-temperatura ta' barra.
2. Ikkonferma li hemm differenza bejn piz zejjed fic-cilindru u pressjoni zejda fic-cilindru  ghalkemm jekk ikun mimli izzejjed ma jfissirx li ser ikun hemm pressjoni zejda wkoll.
3. Jghid li l-unika mod kif issir taf jekk ic-cilindru hux over filled huwa li zzomm ic-cilindru wieqaf minghajr ir-regolatur , tafaslu l-valve u hemmhekk johrog likwidu u jekk ma jkunx over filled u taghfaslu l-valve johrog il-gass.
4. Jghid li f'dan il-kaz it-tekniku li mar fuq il-post kien Brian Schembri u l-ewwel haga li ghamel kien li naqqas il-gass jew il-kontenut ghaliex fil-fehma tieghu ma hemmx provi jew xhieda dwar dak li hareg mic-cilindru.
5. Jghid ukoll li meta t-teknici jaghmlu it-testijiet biex jaraw jekk ic-cilindru hux mimli u jekk johrogx likwidu jew le huma ma jafsux ir-regolatur.

6. Jghid li r-regolatur kellu 'l fuq minn tnax-il sena u jghid li r-regolatur thassar ghaliex kien hemm *over filling* (ghalkemm il-Perit Tekniku jghid hekk ma jispjegax ghaliex b'hekk ir-regolatur ghandu jithassar).
7. Jghid li t-tekniku m'ghamilx it-testijiet li kellhom isiru.
8. Jghid li huwa qaghad fuq ix-xhieda tal-attur u fuq dik moghtija mill-Inginier Magri li t-tnejn qalu li r-regolatur kien difettuz.
9. Qal ukoll li sabiex tkun taf li hemm over filling huwa necessarju li tizen ic-cilindru li fil-kaz odjern ma hadux il-piz tieghu.
10. Jikkonferma li ntuzaw zewg regolaturi li t-tnejn fil-fehma tieghu kienu difettuzi. L-ewwel wiehed kien falla peress li hareg il-likwidu waqt li t-tieni ukoll kien difettuz ghaliex kien hemm fjamma differenti fil-hob u wkoll beda jillikja.
11. Fil-fehma tieghu minkejja dak kollu li ntqal aktar 'l fuq isostni li c-cilindru kien mimli izzejjed u ghalhekk suppost twarrab.

Minn naha l-ohra meta l-periti inginiera nominati bhala perizja perizjuri gew mistoqsija in eskussjoni sabiex jiggustifikaw ir-rapport taghhom u ghala ma qablux mar-rapport tal-ewwel perit u cioe' l-Inginier Bonello jghidu s-segwenti:

1. Illi l-Perit Bonello ma setax ighid li r-regolaturi kienux difettuzi jew le ghaliex qatt ma ezaminhom u ghalhekk ir-rizultanzi tieghu kienu bazati fuq twemmin. Waqt li meta huma fethu dawn ir-regolaturi sabu li l-ewwel wiehed li kien ghadu imwahhal mac-cilindru kien litteralment deterjorat kollu (fol 200) waqt li t-tieni wiehed li kien aktar antik kien instab intatt.
2. Jghidu li ghalihom ic-cilindru ma kienx mimli izzejjed u dan ghaliex huma raw l-vapour cloud u mhux il-liquid cloud.
3. In oltre jidher li c-cilindru kellu bejn 5 u 6 bar kif stqarr l-ewwel Perit stess u b'hekk dan ifisser li r-regolatur kien jiflah il-pressjoni ta' bejn 13 bar u 16 bar. Ghalhekk jidher li r-regolatur li kien 'at fault'.

4. Jghidu ukoll li una volta c-cilindru jinzamm barra espost ghall-elementi ikollu bzonn aktar maintenance bhal kull haga ohra u f'dan il-kaz ir- regolatur ma nghata l-ebda maintenance matul is-snin u kemm ir-regolaturi kif ukoll il-pajp ghandhom jigu mibdula periodically.
5. Meta gew mistoqsija ghaliex it-tekniku Brian Schembri li mar fuq il-post kien battal ic-cilindru la ma kienx over filled wiegbu li t-tekniku li kien mar fuq il-post ma kellux esperjenza u ma kienx hemm lok li jitbattal u fil-fatt jghidu li t-tekniku kien battal ic-cilindru sabiex iserrah mohh il-klijent l-attur li kien inkwetat. Jghidu wkoll li anke kieku ic-cilindru kien nofsu mimli xorta kien isehh l-incident ghaliex ir-regolatur kien difettuz.
6. Fil-fatt meta gew mistoqsija jekk allura jemnux li l-kagun tal-incident kien minhabba li r-regolatur kien difettuz jghidu li mhux jemnu li kien hekk izda jafu ghaliex huma nies teknici u r-rizultanzi taghhom huma bazati fuq fatti xjentifici.
7. Isostnu wkoll li anke kieku in pessima ipotesi c-cilindru kien mimli zzejjed xorta ma jwassalx ghal hsara fir-regolatur ghaliex dan hu proprju x-xoghol li ghandu jaghmel ir-regolatur u cioe' li jirregola l-pressa.

Il-Qorti, dwar konkluzjonijiet ta' espert tekniku, ghamlet referenza ghal dak li ntqal fil-kawza '**Calleja vs Mifsud'** deciza fid-19 ta Novembru 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn intqal li:

"*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti … kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti … B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu …*"

Fis-sentenza '**<u>Grech et v Grech et</u>**' [25.09.2003] il-Qorti kienet rriteniet:

*"Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu mhumiex sempliciment opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f' oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-iktar fejn parti ma tkunx irrikoriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali,* [bhalma huwa dan il-kaz] *tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli. (ara wkoll –* **<u>Bugeja et vs Muscat</u>** *– Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).*

Ghalhekk *"qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku"* [**<u>Cauchi v Mercieca</u>**, deciz mill-Appell, fid-9 ta' Ottubru 1999]. U dan hu l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti sabiex tara liema rapport sejra tabbraccja.

*"Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**<u>Grima vs Mamo et noe</u> –** deciz mill-Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

*"Ikun pruzuntuz ghall-gudikant li jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika … wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod ktritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."* [**Camilleri noe vs Debattista,** deciza mill-Qorti tal-Appell, nhar id-9 ta' Frar 2001].

Ghalhekk 'in fin dei conti` *qorti ma tistax tinjora rrelazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* (**Cauchi vs Mercieca –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u **Calleja noe vs Mifsud** – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-konvinzjoni tal-Qorti bbazata fuq probabbiltajiet issib konfort fir-rapport peritali tal-esperti nominati fil-perizja perizjuri u dan ghaliex huma dehru aktar kapaci sabiex jiggusitfikaw il-konkluzjoni taghhom b'mod xjentifiku. Mentri l-Perit Tekniku Victor Bonello aktar qaghad fuq l-esperjenza u twemmin milli fuq testijiet xjentifici u teknici u ghalhekk din il-Qorti thossha komda li tiskarta ir-rapport tieghu. Il-Qorti ssostni li kemm il-kostatazzjonijiet tal-periti teknici nominati mill-Qorti fil-perizja perizjuri, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti taghhom, jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt xjentifici li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma hix obbligata li taccetta r-rapport tekniku tal-Inginier Bonello bhala prova determinanti stante li huwa bazat biss fuq twemmin u ghalhekk ghandha dritt li tiskartah kif tista' tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero' hu ritenut minn din il-Qorti li hija ghanda taghti piz debitu ghall-fehma teknika tal-esperti nominati fil-perizja perizjuri mill-Qorti, billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova.

Hu manifest mill-atti illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma setghetx thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa mill-ewwel perit u b'hekk m'ghandix tezita li tiskarta dik l-opinjoni tieghu la fil-fehma taghha, fid-dawl tal-provi mismugha, ir-rapport tal-perizja perizjuri hija aktar sodisfacenti bhala raguni lejn min din il-Qorti ghandha tattribwixxi t-tort.

Peress illi din il-Qorti mhix qed issib tort fl-operat tal-konvenuti, stante li l-kagun tal-incident kien ir-regolatur li kien diffettuz, hija mhux ser tiddiskuti l-quantum tad-danni li l-atturi kienu qed jippretendu minghand l-istess konvenuti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li taccetta l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qieghda tichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-attur.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------